MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 972/2012

**Leslie Christopher Warren**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2012 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi huwa jeħtieġ illi jibdel il-passaport u dokumenti uffiċjali oħra;

2. Illi huwa twieled fid-dsatax ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u erbgħin (19/08/1948);

3. Illi huwa kien tniżżel bħala Christopher, Leslie, Carmel, Vincent, Warren fiċ-ċertifikat tal-magħmudija kif

turi kopja tiegħu li hija hawn annessa u mmarkata Dok "CW1" kif ukoll kopja tar-Reġistru tal-Paroċċa San Publius, Floriana u markata Dok "CW2".

4. Illi minn meta twieled huwa dejjem kiena magħruf u għadu magħruf bħala "Christopher" u konsistentament kien imsejjaħ u magħruf b'dan l-isem kemm mal-ġenituri, familjari, u l-ħbieb kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru 7574 tas-sena 1948 hawn anness u mmarkat bħala Dok "CW3" l-isem tiegħu fil-kolonna *'Isem jew isimijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa'* jidher bi żball bħala l-isem Leslie – Christopher minflok l-isem Christopher;

6. Illi huwa dejjem kien magħruf bħala Christopher minn kulħadd anki fuq dokumenti uffiċjali kif juru, kopja tal-karta ta' identita hawn annessa u mmarkata Dok "CW4", kopja tal-Passaport hawn annessa u mmarkata Dok "CW5", kif ukoll kopja ta' ittra mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar ir-rinunzja taċ-ċittadinanza tar-Renju Unit u l-Kolonji hawn annessa u mmarkata Dok "CW6".

7. Illi anki fuq dokumenti oħra hawn annessi jidher bħala Christopher, u ċjoe', kopja ta' Ċertifikat taż-żwieġ maħruġ mill-Bażilika Kolleġġjata Paroċċa Sant' Elena, Birkirkara markata Dok "CW7", kopja taċ-ċertifikat tal-GCE tal-Universita ta' Oxford tas-sena 1964 ta' eżamijiet tal-History, Mathematics u Physics markata Dok "CW8", kopja ta' ċertifikat tal-GCE ta' Universita ta' Oxford tas-sena 1694 ta' eżamijiet ta' English Literature u Italian markata Dok "CW9", kopja ta' ċertifikat mill-Universita' ta' Malta tas-sena 1965 ta' eżami tal-Malti markata Dok "CW10", kopja ta' ċertifikat tas-City and Guilds of London Institute tas-sena 1968 ta' eżami ta' Radio Amateur markata Dok "CW11", kopja ta' ċertifikat tal-GCE tal-Universita' ta' Londra tas-sena 1971 ta' eżami ta' Advanced Economics markata Dok "CW12", kopja ta' ċertifikat ta' eżami ta' Banking Diploma tal-Insitute of

Bankers ta' Londra tas-sena 1972 markata Dok "CW13", kopja ta' karta ta' identita' ta' Radio Amateur maħruġa mill-Malta Amateur Radio League markata Dok "CW14", kopja ta' ċertifikat tal-magħmudija tat-tifel tiegħu maħruġ mill-Knisja Kattolika Grieka "Our Lady of Damascus" tal-Belt Valletta markata Dok "CW15", kif ukoll kopja tal-formola tat-taxxa tad-dħul markata Dok "CW16".

8. Affidavit ta' Gloria Maria Good residenti r-Renju Unit mmarkat Dok "CW17" li hija ilha taf lil Christopher Warren bl-isem ta' Christopher sa minn meta twieled, Affidavit ta' Nathalie Margerita Warren markat Dok "CW18" li hija ilha taf lil Christopher Warren bl-isem ta' Christopher għal madwar 34 sena, kif ukoll Affidavit ta' Winifred Theuma markat Dok "CW19" li hija ilha taf lil Christopher Warren bħala Christopher għal madwar 64 sena;

9. Anness ukoll hawn kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid tat-tifel tiegħu markat Dok "CW"0" li Christopher Warren qiegħed ukoll jitlob li jiġi kkoreġut biex bħala missier it-tarbija huwa jidher bl-isem ta' Christopher u mhux Leslie, liema ċertifikat iġib in-numru tlieta, sitta, tmienja (368) tas-sena 1982; annessa ukoll kopja tal-liċenzja tas-sewqan kurrenti maħruġa fuq Christopher Leslie Warren u mhux Leslie markata Dok "CW21";

10. Illi minħabba li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qiegħed jirrifjuta li joħroġ ċertifikati ħlief biss bl-isem jew ismijiet kif miktuba oriġinjarmanet, tali ċertifikat u dokumenti uffiċjali se jkunu qegħdin jinħarġu bl-isem ta' Leslie Christopher minflok Christopher;

11. Illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qiegħed jirrifjuta illi jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa;

12. Illi dan huwa ta' preġudizzju għall-istess rikorrent u qiegħed jikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrent;

13. Illi r-rikorrent għandu interess skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-KAp 16, li ssir id-debita korrezzjoni;

14. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijeit premessi, jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrent huwa konsistentament magħruf huwa *"Christopher"* u mhux *"Leslie"*;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u markat Dok "CW3" minnu maħruġ, bin-numru sebgħa, ħamsa, sebgħa, erbgħa (7574) tas-sena 1948 fis-sens illi l-kolonna intestata *"isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* l-isem *"Leslie"* għandu jiġi kanċellat u jiġi sostitwit bl-isem *"Christopher"*;

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u markat Dok "CW20" minnu maħruġ, bin-numru tlieta, sitta, tmienja (368) tas-sena 1982 fis-sens illi l-kolonna intestata *"isem missier it-tarbija"* l-isem *"Leslie"* għandu jiġi kanċellat u jiġi sostitwit bl-isem *"Christopher"*;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fil-11 ta' Ottubru 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrent u mill-att ta' twelid li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 7574/48 kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni;

3. Illi għaldaqstant id-dikjarazzjoni mill-Qorti msemmija fit-tieni talba fir-rikors ġuramentat għandha, diversament minn dak indikat mir-rikorrent, tkun fis-sens li r-rikorrent kien konsistentement imsejjaħ u magħruf bl-isem *"Christopher"* u mhux *"Leslie-Christopher"*, u dan abbażi tal-**Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

5. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrent stess, u ċjoe' Leslie-Walter Warren li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi permezz tal-verbal tat-28 ta' Novembru 2012 il-kawża tħalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili, kif ukoll *ai termini* tal-Artiklu 92(2) tal-Kodiċi Ċivili. Il-pubblikazzjoni skond l-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba tal-attur hija ġustifikata peress li l-attur dejjem issejjaħ biss bl-isem ta' **Christopher**. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u allura m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------